MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2009

Rikors Numru. 1000/2007

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**Vs**

**Heritage Estates Limited (C 16372) u**
**Albert Stagno Navarra**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta’ Bank of Valletta p.l.c. fejn dan wara li ppremmetta illi:

In forza ta’ kuntratt ta’ kostituzzjoni ta’ debitu in atti Nutar Dottor Marco Burlo’ datat 26 ta’ Lulju 2000 (Dok “A”), fejn intom ddikjarajtu ruhkom veri, certi u likwidi debituri tas-socjeta’ rikorrenti fis-somma ta’ tmenin elf u tlett mitt liri Maltin (Lm80,300.00) flimkien ma’ l-imghax u spejjez relattivi.

Ghaddew aktar minn tlett (3) snin minn meta l-kuntratt fuq imsemmi seta' jigi ezegwit u d-debitu tal-intimati ghadu ma thallasx u ghalhekk kellu jsir dan ir-rikors.

Talbet is-socjeta' rikorrenti lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizzaha tezegwixxi il-kuntratt datat 26 ta' Lulju 2000 in atti Nutar Dottor Marco Burlo' (Dok "A") fl-ismijiet fuq imsemmija sabiex tottjeni l-pagament ta' tmenin elf u tlett mitt liri Maltin (Lm80,300.00) flimkien ma' l-imghax, bl-ispejjez kontra l-istess intimati.

Rat li l-intimati Heritage Estates Limited u Albert Stagno Navarra, ghalkemm debitament notifikati baqghu la dehru u lanqas ipprezentaw twegiba ghar-rikors.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha.

Semghet lill-P.L. Francesca Scerri in rapprezentanza tal-Bank rikorrenti, tikkonferma li d-debitu ghadu dovut fl-intier tieghu.

Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba kif dedotta [1], bl-ispejjez kontra l-istess intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[1] Kliem mizjud in forza tad-digriet tal-14 ta' Dicembru, 2009. "fis-somma ta' mija u sebgha u tmenin elf, tmienja u erbghin ewro u tmienja u sittin centezmu €187,048.68) ekwivalenti ghal tmenin elf u tlett mitt lira maltin (Lm80,300)"